# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 11**

**Rikors Guramentat Numru:- 332/2019 JVC**

**John Pullicino sive John Pollard**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u Identity Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent John Pullicino sive John Pollard kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'Illi l-attur twieled f'South Shields f'Ingilterra fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tal-elf disgha mija erbgha u erbghin (1944) skond certifikat tat-twelid hawn annessa bhala Dok A;

Illi fis-seba' (7) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija, disgha u erbghin (1949), missier l-esponent, li kien jismu Francis Pollard u li kien ta' cittadinanza Maltija, biddel il-kunjom tieghu, ta' martu u ta' uliedu (inkluz tal-esponent) minn Pullicino ghal Pollard u dan permezz ta' Deed Poll, rizultanti mic-certifikat hawn anness, mahrug mill-Enrolment Department of the Supreme Court Judicature tal-Ingilterra, u immarkat bhala Dok B (original awtentikat tal-istess ser jigi esebit waqt is-smigh tal-kawza);

Illi dan l-ahhar, l-esponent gie infurmat minn Identity Malta illi hu ghandu cittadinanza Maltija u dan skond l-artikolu 9 ta' Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan hu konfermat skond ittra hawn annessa, datata hamsa (5) ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) minghand Identity Malta u immarkata bhala Dok C;

Illi it-tibdil ta' kunjom permezz ta' Deed Poll taht il-ligi Ingliza huwa kkonsidrat validu ghall-iskopijiet u effetti kollha tal-ligi, kif jirrizulta mill-expert opinion, mahlufa, tan-Nutara Sarah Louise Scott, hawn anness bhala Dok. D;

Illi ghal Identity Malta, l-attur ghadu maghruf bhala John Pullicino u mhux John Pollard. B'hekk jehtieg illi din il-bidla fil-kunjom tieghu li giet effetwata fl-Ingilterra meta kien ghad kellu biss hames snin, tigi riflessa anke f'Malta stante illi jixtieq jghix hawn Malta;

Illi jekk dan ma jsirx , ser tigi kkrejata konfuzjoni kbira ghall-attur stante li fl-Ingilterra ser ikun maghruf legalment bhala John

Pollard mentri f'Malta ser ikun maghruf bhala John Pullicino. Fil-fatt l-esponent huwa ben maghruf bhala John Pollard internazzjonalment stante illi huwa Professur tal-Istorja (Irtirat) u huwa wkoll decente fi Trinity Hall fl-Universita ta' Cambridge L-Ingilterra, u ma jistax ikun li issa f'daqqa jsir maghruf b'kunjom iehor;

Ghaldaqstant jghid il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Prevja d-dikjarazzjoni li l-attur kien konsistentement imsejjah bil-kunjom Pollard mill-elf disa mija, disgha u erbghin (1949) u mhux bil-kunjom Pullicino li qed jidher f'dokumenti ufficjali kollha hawn Malta, tiddikjara u tiddeciedi li kunjom tal-attur ghandu jkun "Pollard" u mhux "Pullicino";

2. Tordna li c-certifikat tat-twelid tal-attur jigi annotat sabiex jirrifletti dan it-tibdil fil-kunjom tal-attur;

3. Tordna korrezzjoni tad-dokumenti ufficjali kollha u f'kull att civili iehor tal-attur, sabiex kull fejn jidher il-kunjom "Pullicino" bhala kunjom l-attur, jinbidel ghal "Pollard" u dan skond dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kontra il-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent jeccepixxi ukoll illi ghalkemm l-posizzjoni tal-ligi taghna hija kuntrarja ghal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, ghajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Ligi, huwa minnu wkoll li recentement il-qrati taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' talbiet ghal bidliet tal-istat civili;

3. Illi fir-rigward tad-*deed polls*, ghalkemm dawn ma humiex regolati mil-ligi nostrana, ghandu jigi sottolinjeat illi l-Qrati taghna ddeciedew illi sabiex *deed poll* jkun jista' jigi rikonoxxut f'pajjiz esteru, ghandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' registrazzjoni;[1]

4. Illi fil-kaz odjern, saret talba ghar-registrazzjoni ta' Att tat-Twelid esteru tal-attur, liema talba qieghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1'. Flimkien ma' din it-talba, l-attur forna lid-Direttur konvenut bl-Att tat-Twelid esteru tieghu, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 2'. F'tali kaz, l-eponent jissottolineja illi registrazzjoni ta' Att ta' Stat Civili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-iStat

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deciza mil-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' April 2019.

Civili esteru u jirregistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti. Ghaldaqstant fil-kaz tal-attur, l-esponent ma setghax jiehu in konsiderazzjoni tad-*deed poll* u/jew tad-dokumenti kollha li kellu a disposizzjoni taghhom, gialdarba l-esponent kellu obbligu li jsegwi l-procedura kif kontemplata f'Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk huwa pprovda lill-attur bl-Att tat-Twelid Malti, liema Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 3';

5. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li ghaldaqstant ma jirrizultax li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

6. Illi l-esponent jinnota illi l-attur, *inter alia*, ezebixxa mar-rikors promotur kopja tad-*deed poll* in kwistjoni u dan bl-intiza li jsostni t-talba kif dedotta minnu stess. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

7. Illi finalment u dan minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.'

Rat ir-Risposta Guramentata tal-intimat Identity Malta kif isegwi:

'Illi l-eccezzjonijiet tal-esponent hawn taht elenkati qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

Jesponu bir-rispett:

1. Illi preliminarjament l-esponent agenzija Agenzija Identity Malta teccepixxi illi ai termini tal-Artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi m'hijiex il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna;

2. Illi bla hsara ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, l-esponent teccepixxi illi l-attur ma ddikjarax abbazi ta' liema artikolu tal-ligi qed tigi msejsa din l-azzjoni. Fic-cirkostanzi ikun idoneju li l-attur jiddikjara dan, u l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, tirriserva d-dritt taghha li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

3. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, l-esponent teccepixxi illi ma hijiex edotta mill-fatti hekk kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponent teccepixxi illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jigi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qieghdin jigu kkontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u jehtieg illi jigu pruvati;

5. Illi fir-rigward tat-talbiet numru wiehed (1) u tnejn (2) l-esponent tecepixxi illi din it-talba ma tistghax tigi diretta lilha gialadarba l-esponent ma tordnax tibdil fil-kunjom u/jew tibdil fic-certifikat tat-twelid;

6. Illi fir-rigward tat-talba numru tlieta (3), jekk l-attur qieghed jaghmel talba sabiex jigi emendat ic-certifikat tac-

Cittadinanza, jigi rilevat illi c-certifikat tac-Cittadinanza ma jigix emendat sakemm ma jsirux regolamenti dwar korrezzjoni tac-certifikati ta' cittadinanza ai termini tal-artikolu 24 (1) tal-Kapitolu 188 tal-Ligijiet liema regolamenti prezentament ma sarux;

7. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fi kwalunkwe kas fil-mertu, l-esponenti jirrespingu l-pretensjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tal-lum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat illi fis-seduta tal-lum stess il-kawza giet ceduta fil-konfront tal-intimata Identity Malta;

Rat il-bosta dokumentazzjoni esebita mill-istess rikorrent fosthom 'deed poll', li kopja awtentikata tal-istess 'deed poll' giet prezentata llum stess minn fejn jirrizulta li appuntu r-rikorrent John Pullicino llum huwa maghruf bil-kunjom John Pollard;

Rat id-dokumentazzjoni l-ohra kollha esebita fl-atti;

Rat ukoll in-nota a fol. 44 b'diversi kopji ta' dokumenti minn fejn jirrizulta wkoll il-kunjom Pollard;

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fl-atti;

**Decizjoni**

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrent fil-konfront ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur kien kosistentement imsejjah bil-kunjom Pollard mill-elf disa mija, disgha u erbghin (1949) u mhux bil-kunjom Pullicino li jidher f'dokumenti ufficjali kollha f'ta' Malta, u tiddikjara u tiddeciedi li kunjom tal-attur ghandu jkun "Pollard" u mhux "Pullicino";

2. Tordna li c-certifikat tat-twelid bin-numru 5419/2019 jigi annotat sabiex jirrifletti it-tibdil fil-kunjom tal-attur u cioe' minn "Pullicino" jigi "Pollard";

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna l-korrezzjoni tad-dokumenti ufficjali kollha u f'kull att civili iehor tal-attur, fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex kull fejn jidher il-kunjom Pullicino bhala kunjom l-attur jinbidel ghal "Pollard";

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi bl-ispejjez kontra r-rikorrent stess.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Marzu 2020**